KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1/2024

17 ta' Jannar 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

**1.24.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

1.24.1.1 Ma kellniex.

**1.24.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

1.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 12.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

1.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sinjura Maria Sultana u sekondati mis-Sinjura Speranza Chircop l-minuti ta' seduta 12.23 ġew approvati unanimament.

1.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**1.24.3 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

1.24.3.1 **Kwistjoni dwar il-Ħamiem**

Is-Sindku tkellem dwar l-aħħar żviluppi fuq il-kwistjoni il-ħmieg tal-ħamiem u l-possibilita` li jiġi nstallat apparat li jservi bħala sterilizazzjoni tal-ħamiem fuq il-bejt tal-Knisja.

Ġie provduta kwotazzjoni dan l-apparat hawn fuq msemmi fejn l-ispiża għal kull xahar ser tiġi tiswa €236.00 (VAT inkluza) (Dok A).

Is-Sur Vince Bongailas xtaq ikollu aktar informazzjoni jekk l-appart ikkoncernat huwiex installat madwar il-Kottonera kollha.

Is-Sinjura Maria Sultana ġibdet l-attenzjoni illi l-apparat mhux ser ikun effettiv tant li ser jilħaq biss il-parti ta' ħdejn il-Knisja. Żiedet tgħid ukoll illi l-ispiża annwali ta' dan l-appart ser tkompli taffetwa ħażin is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

Il-Kunsill wara diskussjoni libera qablu unanimament illi dan l-appart ma jiġix nstallat.

1.24.3.2 **Installazzjoni tas-CCTVs**

Mill-fondi ta' €6,000 li ġew allokati mir-Reġjun Port, il-Kunsill installa sensiela ta' *CCTVs* biex iżid is-sigurta` u jipprvjeni tifi ta' skart li jiġi mormi llegalment madwar il-lokalita`. L-aħħar *CCTVs* li ġew minn dan il-fond, kien ħdejn iċ-

Ċentru Parrokjali u fi Sqaq Ernle Bradford. Fil-ġranet li ġejjin ser titwaħħal l-aħħar *CCTV* biżwit Ġnien ir-Rnella.

B'riżultat t'hekk, il-Kunsill ser eżawra l-fondi allokati sabiex b'riżultat ta' dan ikunu ġew installati 7 *CCTVs*.

Is-Sindku nforma wkoll il-Kunsilliera illi ser jitwaħħlu *CCTVs* fil-pjazza quddiem il-Knisja li l-fondi tagħhom ser isir mill-Grand Harbour Regeneration Corporation (GHRC).

1.24.3.3 **Sitwazzjoni tal-Knis fil-Lokalita`**

Is-Sindku informa l-Kunsilliera bl-aħħar aġġornament dwar is-sitwazzjoni attwali tal-knis tal-lokalita` mill-aspett ta' ndafa. Semma' wkoll għandha toħrog sejħa għall-kwotazzjoni li fiha ser testendi l-frekwenza fil-ġranet tal-knis cioe` mit-Tnejn sas-Sibt minflok 3 darbiet fil-ġimgħa. It-talba ser tinkludi wkoll li jitbattlu l-*bins* u *dog bins*.

Il-Kunsill unanimament qabel li għandha toħroġ is-sejħa għall-kwotazzjoni kemm jista' jkun malajr.

1.24.3.4 **Ħatra Segretaju Eżekuttiv**

Is-Sindku aġġorna l-Kunsilliera illi fit-3 ta' Jannar 2024 ircieva kommunikazzjoni mingħand is-Sur Emile Vassallo, Direttur Ġenerali, Diviżjoni Gvern Lokali fejn informah li s-Sur Etienne Scicluna ġie uffiċjalment maħur bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kalkara. Il-Kunsilliera ġew infurmati wkoll illi b'effett mit-18 ta' Jannar 2024, is-Sur Etienne Scicluna ser jibda jaqdi d-doveri tiegħu ġewwa l-istess Kunsill Lokali.

## 1.24.4 <u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>

1.24.4.1 **Applikazzjoni Numru PA/03545/23**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera dwar l-applikazzjoni numru PA/03545/23 għall-żvilupp biżwit il-Knisja tal-Kalkara li ġiet sottomessa mis-Sur Micahel Pace Ross għall-bini ta' pavimentar, kostruzzjoni ta' taraġ, lift u żewġt imħazen (kopja tal-applikazzjoni u pjanti anness u mmarkati bħala Dok C).

Is-Sindku spjega li huwa ma huwiex kontra l-iżvilupp kkoċernat imma preokkupat għal rigward li l-pavimentar propost, din il-parti tista' tiġi żviluppata bħala parkeġġ għall-persuni li jiġu bil-karozza privata tagħhom għall-quddies. Din is-sitwazzjoni ser toħloq aktar konġestjoni f'dak l-akwati. Spjega wkoll li din il-parti, oriġinarment kienet spazju intenzjonat li jkun iħaddar. Għalhekk, is-Sindku talab li l-Kunsill jkun rappreżentat fid-diskussjoni qabel l-Awtroita` tal-Ippjanar tawtortizza il-permess. Il-Kunsill qabel mat-talba tas-Sindku u matul il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sottomossa l-applikazzjoni onlajn lill-Awtorita` tal-Ippjanar (irċevuta mill-Awtorita` kkonċernata annessa u mmarkata bħala Dok C) sabiex il-Kunsill jressaq it-talba tiegħu.

1.24.4.2 **Disinn tat-Triq San Leonardu, Kalkara**

Is-Sindku informa l-Kunsilliera illi l-Infrastructure Malta riedet tagħmel titjieb fl-infrastruttura ġewwa t-triq San Leonardu, Kalkara. L-Infrastructure Malta talbet il-Kunsill sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu kif għandu bl-aħjar mod tiġi mfassla. Il-Kunsill talbet lill-Kumpanija tal-periti, 'Crownet' tipprepara d-disinn rikjest mill-Infrastructure Malta. L-ispiża tad-disinn ġiet tiswa €5,000 eskluża l-VAT.

1.24.4.3 **Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* għas-Segretarju Ezekuttiv u Deputat Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2023. Is-Sindku saħaq illi wara li kienet iddiskuta il-ħidma tas-Sinjuri Caruana u Hall, kien qieghed jirrakkomanda illi jingħataw l-massimu ta' 10% bħala *performance bonus.*

Kien hemm qbil illi kellha ssir rakkomandazzjoni lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex is-Sinjuri Caruana u Hall jingħataw 10% bħala *performance bonus.*

1.24.4.4 **Festa Ċitru**

Is-Sindku nforma l-Kunsillieri bil-preparamenti li għaddejjin bħalissa dwar il-Festa Ċitru li ser issir nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar 2024 ġewwa l-ġonna tal-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini fi Triq Santa Liberta, Kalkara. Matul din l-attivita` ser ikun hemm bejgħ ta' frott taċ-ċitru u ħlewwiet bit-togħma taċ-ċitru flimkien ma' bejgħ ta' oġġetti oħra b'atmosfera immirata għall-familja kollha speċjalment dik tat-tfal. Is-Sindku żied jgħid illi ser ikun hemm servizz ta' Xarabank (bla ħlas) li ser tkun qed tagħmel rotta speċifika mal-Kalkara fejn ser twassal lin-nies għal din l-attivita` u lura.

Fl-istess jum, il-Malta Film Commission ser torganizza *Open Day* ġewwa Rikasoli għal min jixtieq imur jara is-set tal-film 'Gladiator 2'. Parti mir-rotta tax-Xarabank li ser jkun qed jiġi offrut għall-attivita' taċ-Ċitru ser tkun qegħda tgħaddi minn ħdejn is-set tal-film 'Gladiator 2'.

1.24.4.5 **Kalkara Fun Walk**

Il-Kunsill ddiskuta li jtella' għall-sena oħra l-attivita` tal-Kalkara fejn kien hemm qbil li ssir nhar il-Ħadd 25 ta' Frar 2024. Ġie diskuss ukoll ir-rotta għal din l-attivita`. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jagħmlu promozzjoni tal-attivita` u tkun suċċess bħal-attivita` bl-istess tema tas-sena preċedenti.

**1.24.5** **Korrispondenza**

1.24.5.1 **Fondi LESA**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi l-LESA reġgħet ħarġet skema għall-Kunsill Lokali biex japplikaw għall-fondi mmirati fuq proġetti ta' restaur ta' monumenti, sigurta` fil-lokalita` jew proġetti li jistgħu jibbenefikaw iċ-ċittadini ġewwa l-lokalita tal-Kalkara. Is-Sindku jfakkar illi fis-sena 2022, il-Kunsill kien

applika għall-fondi mill-iskema tal-LESA sabiex jinxtara van li jaħdem bl-elettriku. L-applikazzjoni li ġiet sottomessa lil LESA ġei milqugħa u l-Kunsill ingħata l-fondi. Il-van inxtara fis-sena 2023 u qiegħed jintuża biex jagħti servizz tat-trasport lill-anzjani ġewwa l-lokalita`.

Is-Sinjura Maria Sultana ssuġġerit li l-Kunsill jista' japplika għall-fondi sabiex tiġi msebbħa Triq iċ-Ċimierju li minnha tagħti għall-Ġnien ir-Rnella. It-tieni proposta hija li fil-lokalita` jkun hawn *outdoor gym*.

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera qara d-dokument u l-linji gwida għal rigward ta' din l-iskema u ppropona li l-applikazzjoni ssir għat-tisbieħ ta' Trejqet iċ-Ċimiterju, trejqa li hija frekwentata ħafna mill-pubblika biex imorru għall-Ġnien ir-Rinella. Il-Kunsill unanimament laqa' s-suġġeriment tas-Sindku u l-applikazzjoni għandha ssir għat-tisbieħ ta' Trejqet iċ-Ċimiterju.

1.24.5.2 **Lifelong Learning Course**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li ser japplika ghall-skema ghall-Lifelong Learning biex ic-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema.

1.24.5.3 **Festival Kulinari Internazzjonali**

Is-Sindku ircieva kommunikazzjoni minghand il-kumpanija bl-isem 'Danusan' fejn wrew l-interess sabiex jorġainizzaw festival li jikkonsisti f'tlett iljieli ta' ċelebrazzjoni kulinari internazzjonali bejn l-10 u t-12 ta' Mejju 2024, fix-Xatt tal-Kalkara. L-ispejjeż ta' dan il-festival ser ikunu koperti mill-kumpanija stess filwaqt li l-Kunsill ser jassisti għal rigward tal-immaniġjar tat-traffiku u assistenza relattiva oħra.

Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jittellgħa dan il-festival ġewwa l-Kalkara biex b'hekk jippromwovi il-lokalita` u fl-istess ħin jattira aktar neġozju.

## 1.24.6 <u>Komunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>

1.24.6.1 **Is-Sur Vince Bongailas, Viċi-Sindku**

Is-Sur Bongailas ser ilaqqgħa l-entitajiet taċ-ċikliżmu u tal-*hockey* fil-binja tal-Kunsill sabiex jiġi miftiehem l-attivitajiet sportivi f'dawn l-oqsma.

1.24.6.2 **Is-Sinjura Speranza Chircop, Kunsilliera**

Is-Sinjura Speranza Chircop ser torganizza ħarġiet kulturali nhar il-Erbgħa 31 ta' Jannar 2024; waħda mmirata għall-irġiel fejn ser imorru fil-Birrerija ta' Simonds Farsons Cisk li ġiet inawgurata ftit xhur ilu u wara jmorru fil-Kitchen Garden ta' San Anton, Ħ'Attard. Ħarġa kulturali oħra ser issir fi Frar 2024 għall-anzjani u l-familji.

Is-Sindku flimkien mas-Sinjua Chircop innutaw żieda fl-interess u l-parteċipazzjoni tal-anzjani wara li ġiet inawgurata l-binja tal-Active Aging li qed isiru sensiela ta' attivitajiet. L-investiment li sar f'din il-binja qed iħalli riżultati tajbin ferm u qed jagħmel ħafna ġid lill-anzjani tal-lokalita`.

Is-Sinjura Chircop infurmat lill-Kunsill Lokali li fit-18 ta' Jannar ser ikun hemm ħarġa għall-anzjani f'għalqa ġewwa ż-Żurrieq.

### 1.24.7 Punti Ġenerali

1.24.7.1 Is-Sinjura Speranza Chircop resqet ilment dwar arblu li jinsab imwaħħal fil-Binja tal-Gvern u li għandu jitneħħa minħabba li persuni jistgħu jitilgħu ma' dan l-arblu u jidħlu fil-proprjeta` tar-residenti.

### 1.24.8 Mistoqsijiet lis-Sindku

Ma kienx hemm.

### 1.24.9 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm.

### 1.24.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sinjura Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruna, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (Dok A).

### 1.24.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Is-seduta ntemmet fis-7.00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 21 t'' Frar 2024, fl-4.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum ________________________________________

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**